# Montini, Arċisqof ta' Milan



Dun Gabriel Gauci

## Il-baklu ta' San Karlu

Minn wara l-1584, is-sena tal-mewt ta' San Karlu Borromeo, l-Isqfijiet ta' Milan fl-ingress tagħhom fid-*Duomo* żammew it-tradizzjoni li jirċievu l-baklu tiegħu. Huwa mument emozzjonanti għal kull isqof ġdid. Fid-29 ta' Settembru 2002, Carlo Maria Martini, hu u jgħaddi l-baklu lil ta' warajh, Dionigi Tettamanzi, ħass li għandu jikkummenta dan il-mument bil-kelma mdawla tiegħu: "F'Settembru 1989 qegħedt idejja fuqek u tajtek il-baklu. Illum għandi l-unur u l-pjaċir li nqegħedlek f'idejk l-istess baklu ta' San Karlu Borromeo. Għad titgħallem mill-esperjenza li hu ferm itqal!".



Is-saċerdot żagħżugħ Montini.

Nistgħu nimmaġinaw kemm Giovanni Battista Montini, ta' 57 sena, ħassu tqil dan il-baklu fis-6 ta' Jannar 1955, nhar l-ingress tiegħu fid-*Duomo*. Dakinhar dan kien ifisser il-kura pastorali ta' 3,513,000 ruħ, 946 parroċċa, 2,323 saċerdot djoċesan, 1,350 reliġjuż, barra mir-responsabbiltà diretta tal-Università Cattolica, tal-Biblioteca Ambrosiana, u ta' Sede Metropolitana ta' tmien djoċesijiet. Jean Guitton, ħabib personali tal-Isqof il-ġdid, kien qara kif kien qed iħossu Montini: *"Milano è l'immersione nell'oceano della realtà, l'aver a che fare con le cose"*. L-istess Montini, saċerdot fil-fjur taż-żgħożija, kien kiteb lil ċertu wieħed Don Giuseppe De Luca, li mid-dehra ried jaqbad il-karriera akkademika: "Int trid tagħżel il-kotba, jien nixtieq nagħżel l-erwieħ". Forsi qatt ma stenna li se jispiċċa Ragħaj ta' daqstant erwieħ f'mergħat daqshekk kbar u varjati. Forsi minħabba f'hekk ukoll li ħbiebu jirrakkuntaw li fil-jiem bejn in-nomina tiegħu u l-ingress f'Milan ġieli rawh jibki!



Il-Kardinal Montini jqiegħed l-ewwel ġebla ta' knisja ġdida.

## Milan tas-snin ħamsin

Huma tnejn il-karatteristiċi ewlenin ta' Milan ta' dawk iż-żminijiet. L-ewwel hija l-industrijalizzazzjoni. L-Italja kienet dieħla fl-ewwel snin tal-*boom* ekonomiku, mewġa kbira ta' ottimiżmu soċjali u ekonomiku mill-istess ġenerazzjoni li kienet rat lill-Italja tinqered fit-Tieni Gwerra, u li issa kellha ħeġġa enormi li ttejjeb il-kundizzjoni tal-ħajja. Il-qalba ta' dan il-*boom* kienet Milan u ċ-ċentri industrijali kbar li fihom kien hemm stabbilimenti famużi: Pirelli, Magneti Marelli, Motta, Falck… Iżda l-miraklu ekonomiku seta' jseħħ biss minn fuq dahar miljuni ta' ħaddiema li ħallew in-naħa ta' isfel tal-Italja u emigraw biex ifittxu opportunitajiet ġodda. Maċ-ċentri industrijali kbar bdew jitilgħu ċentri residenzjali li wasslu biex il-popolazzjoni ta' Milan kibret b'25% fi ftit snin. Bħalma jiġri spiss, dawn l-emigranti l-ġodda kienu jaqilgħu pagi li qatt ma ħolmu bihom qabel, imma wkoll bdew ibatu minn forom ġodda ta' diskriminazzjoni u faqar soċjali.



Montini f'Palazzolo, 16 ta' Lulju 1955.



Flimkien mal-Onor. Oscar Luigi Scalfaro, u Dun Angelo Begni, Direttur tal-Opra Salesjana f'Sesto, waqt żjara lill-uffiċini mekkaniċi tal-Oratorju fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-binja skolastika, 29 ta' Marzu 1958.

Milan saret ukoll il-mutur tas-soċjetà moderna. Mhux biss il-ġurnali ewlenin kollha kienu bbażati fiha, imma wkoll id-djar tal-pubblikazzjoni, id-ditti tal-moda, invenzjonijiet ġodda ta' kull tip, l-istudjows tar-Rai ta' Corso Sempione, u l-ewwel timijiet leġġendarji tal-Inter u Milan li kienu se jħallu impatt qawwi fuq il-futbol Ewropew. Anki l-politika f'Milan kienet qed tiddakkar minn dan l-ispirtu qawwi ta' tiġdid, bil-proposta tal-ewwel alleanza taċ-*centro sinistra* bejn id-Demokrazija Kristjana u l-Partit Soċjalista fil-kunsill ta' Milan, xi ħaġa li ftit qabel kienet għadha meqjusa bħal ereżija. Milan kienet każ ċar li wera kif is-soċjetà u l-kultura kienu qed jinbidlu b'rata mgħaġġla. Kollox beda jieħu x-xejra tal-"għaġla" u l-"ġdid", f'kuntrast ma' sekli sħaħ ta' tradizzjoni Kattolika.

## Il-qawwa tal-ġesti

Meta kien tiela' bil-karozza minn Ruma għal Milan, l-ewwel darba bħala Isqof fid-Djoċesi tiegħu, xħin wieħed mill-kollaboraturi tiegħu qallu li kienu għadhom kemm daħlu fil-konfini tad-Djoċesi, Montini waqqaf il-karozza, ħareġ fit-triq, niżel għarkupptejh fuq l-asfalt imxarrab u kollu tajn, u bies l-art. Xi ħaġa simili għamilha fl-Ingress tiegħu: minkejja li kienet xita qalila, ried akkost ta' kollox joħroġ fil-karozza bla saqaf biex ikun jista' jara aħjar lin-nies li ġew isellmulu. Minkejja li minħabba t-tixriba laqqat polmonite li damet fuqu tliet ġimgħat, xorta waħda żamm il-kurżità tiegħu li jmur, jara, u jiltaqa' man-nies fil-postijiet tagħhom. Qablu l-episkopat ta' Alfredo Ildefonso Schuster (illum Beatu) kien ikkaratterizzat minn mistiċiżmu li kien jidher l-iktar fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, bil-poplu li kien iħoss il-misteru anki jekk il-vuċi dgħajfa tal-Kardinal Benedittin ma kinitx tinstema'. Issa Giovanni Battista Montini jħoss il-bżonn li hu l-ewwel wieħed jibda jagħraf u jaċċetta iktar ir-realtà ġdida tad-Djoċesi. L-ewwel żjajjar għamilhom fl-istabbilimenti industrijali l-kbar, anki f'dawk fejn, minħabba l-Komuniżmu, kien hemm klima ostili għall-Knisja. Fittex ukoll li jibni kuntatti ma' tip ieħor ta' mbegħdin – l-industrijalisti u l-kapitalisti l-ġodda – li tant kienu se jgħinuh fil-proġetti soċjali u fil-bini ta' knejjes ġodda fiċ-ċentri residenzjali li kienu qed jinbnew.



Ma' Zaira Spreafico quddiem mudell ta' binja li kellha tilqa' l-persuni b'diżabbiltà, 21 ta' Mejju 1960.



Ras imb ras mal-Kardinal Angelo Roncalli, li mbagħad laħaq il-Papa Ġwanni XXIII.

Imma l-Arċisqof Montini, bħala appostlu, kien konxju wkoll li l-kultura ma tridx tiġi sempliċiment magħrufa u aċċettata, imma evanġelizzata. "Lin-nies ta' Milan ma rridux ngħallmuhom kif jagħmlu l-flus, imma kif jitolbu sewwa", kien iħobb jirrepeti. Ried iqiegħed fiċ-ċentru lill-foqra, spiss minsija fl-eqqel tal-miraklu ekonomiku, tant li għall-pranzu tal-ingress tiegħu kien stieden mija u għoxrin minnhom. B'dan l-iskop ukoll fl-1957 nieda l-Missjoni Djoċesana bit-tema "Alla Missier", sabiex belt li kulma jmur kienet qed issir iktar illuppjata mill-flus, terġa' tiskopri l-essenzjal tal-fidi. Wara li l-Missjoni ma ħallietx ir-riżultati mistennija u Montini nnifsu wasal biex jistqarr mar-Rettur tas-Seminarju Maġġuri, Giovanni Colombo (suċċessur tiegħu bħala Arċisqof ta' Milan): "*Ormai siamo una minoranza*", naraw fil-predikazzjoni tiegħu insistenza fuq iċ-ċentralità ta' Kristu u tal-fidi fih fil-ħajja tal-bniedem. Il-messaġġ u l-ħidma pastorali tal-episkopat tiegħu jistgħu jinġabru fl-ewwel frażi tat-talba li inkluda fl-Ittra pastorali għar-Randan 1955: *"O Cristo, tu ci sei necessario"*.

Hi din il-kapaċità mhux daqstant komuni ta' Montini li jgħix fil-modernità bla ma jċedi għaliha li kkonvinċiet lil ħafna Kardinali li din il-ħila jista' jużaha għall-Knisja universali. Hekk seħħ fil-21 ta' Ġunju 1963.



# **Pawlu VI** L-ewwel papa modern

Dun Gabriel Gauci

Fil-ħarġa li għaddiet, rajna li karatteristika ewlenija li spikkat f'Giovanni Battista Montini matul l-episkopat tiegħu f'Milan, kienet il-kapaċità tiegħu li jgħix fil-modernità. Minn naħa la jħares lejha bħala żvilupp negattiv fl-istorja tal-bniedem, u min-naħa l-oħra lanqas jinsa l-ħtieġa urġenti li l-modernità tiġi evanġelizzata u sfidata.

Din is-sensibbiltà ta' Pawlu VI għall-bniedem modern ħarġet fid-deher għall-ewwel darba f'Milan, iżda hu kien ilu jakkwistaha sa minn meta kien għadu żgħir, partikolarment permezz tal-imħabba tiegħu għall-letteratura, l-arti u l-kultura. Il-ħidma pastorali bħala qassis żagħżugħ mal-istudenti universitarji f'Ruma kienet iżżommu f'kuntatt ħaj mal-*elite* intellettwali ta' dak iż-żmien u ma' dik il-ġenerazzjoni, li kienet se tkun protagonista tal-bini mill-ġdid tal-Ewropa wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-*boom* ekonomiku u t-taqlib soċjali u kulturali kbir li dan ġab miegħu.



Pawlu VI jindirizza l-Ġnus Magħquda, 4 ta' Ottubru 1965.



L-omelija tiegħu f'jum l-għeluq tal-Konċilju Vatikan II, Diċembru 1965.

Dan l-istess qassis kellu iktar 'il quddiem ikun fuq is-siġġu ta' Pietru meta t-tibdil kbir tal-modernità beda jħalli effetti kbar anki fuq il-Knisja, u din bdiet tħoss il-bżonn li taġġorna ruħha. Il-modernità li minn dejjem kien sensibbli għaliha issa sab ruħu protagonist tagħha fil-Knisja u kellu jikkonfronta ruħu magħha fid-dinja.

## L-importanza tas-sinjal

"Meta nqisu l-mentalità u l-kundizzjoni ta' żmienna, li tattribwixxi l-ogħla importanza lill-verità tas-sinjali, u tikkunsidra l-ħtieġa li r-riti liturġiċi jiddu għas-sempliċità nobbli tagħhom, huwa meħtieġ li nerġgħu lura għall-verità tas-sinjal, anki fejn jidħol l-użu tal-insinji pontifikali, li permezz tagħhom tiġi murija d-dinjità u l-missjoni tat-tmexxija tal-poplu ta' Alla".

Din il-frażi hija meħuda mill-Motu proprju *Pontificalia insigna*, li permezz tiegħu, fl-1968, Pawlu VI illimita l-użu tas-simboli episkopali (mitra, baklu, ċurkett, katedra…) biss għall-isqfijiet u għal dawk li għandhom xi forma ta' ġurisdizzjoni. Imma 'l hemm mill-kuntest immedjat ta' dan il-motu proprju, din il-frażi, fil-qosor tagħha, turi x'kien il-ħsieb ta' Pawlu VI, rifless partikularment fil-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, u fit-tibdil mitlub minnu.

Hu kien konxju li iktar minn qatt qabel – f'dinja fejn l-importanza tal-immaġni kienet qed tikber dejjem iktar – li dak li jikkomunika messaġġ u jħalli impatt ma kinitx iktar il-kariga jew it-ton u l-gravità tad-diskorsi, imma s-sinjal, il-ġest. "Il-bniedem tal-lum jisma' iktar bil-qalb lix-xhieda milli lill-imgħallmin, u jekk jisma' lill-imgħallmin, jagħmel dan għax huma xhieda" (*Evangelii nuntiandi*, 41). Għalhekk tinħass fih l-urġenza li anki l-Papa, u fuq l-eżempju tiegħu l-Knisja kollha kemm hi, tibda tittrasmetti l-fidi permezz ta' sinjali sempliċi u veritieri.

## Simplifikazzjoni, mhux banalizzazzjoni

Li l-Knisja fil-modernità tissimplifika l-istil u l-ġesti tagħha ma jfissirx tnaqqsilhom mis-solennità jew tibbanalizzahom. Għall-kuntrarju, meta sinjal jiġi ssimplifikat, tkun qed tingħatalu lura l-funzjoni proprja tiegħu, li hija dik li jindika realtajiet 'il fuq minnu. Għaldaqstant, diversi drabi, Pawlu VI juża l-espressjoni "sempliċità nobbli", jiġifieri sempliċità li minnha joħroġ iktar il-kobor u s-sbuħija ta' dak li għandu jkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Hu f'dan id-dawl li Pawlu VI jara mhux biss lill-papat tiegħu imma l-Knisja kollha bħala sinjal ta' Alla f'dinja moderna li bil-mod il-mod kienet qed tinsa lil Alla.



Mal-Arċisqof Romero li se jiġi kanonizzat miegħu.

## Is-sinjali ta' Pawlu VI

Kien dan, ngħidu aħna, li wassal lil Pawlu VI biex jirriforma mill-qiegħ il-ġesti, ir-riti, il-kliem, l-ilbies u l-istil tal-ministeru tal-Papa. Nistgħu nsemmu ħafna: l-abolizzjoni tat-titli kollha li kellu l-Papa ħlief dak ta' *Servus Servorum Dei* (Qaddej tal-Qaddej ta' Alla); l-abolizzjoni tat-tjara (dekorazzjoni bi tliet kuruni li l-Papa kien jilbes fuq rasu), mibjugħa fi rkant li l-flus li nġabru minnu tahom lill-foqra tal-Indja; il-kelma iktar frekwenti u sempliċi tal-Papa u enfasi fuq il-missjoni tiegħu mhux biss ta' mexxej imma wkoll ta' għalliem (il-Papa Piju XII, fid-dsatax-il sena li dam Papa, għamel biss erbgħa u għoxrin omelija, li minnhom tlieta biss huma tradotti għat-Taljan); inqas enfasi fuq is-solennità u l-gravità tal-persuna tal-Papa – kif kien jiġri, ngħidu aħna, meta l-Papa jitfaċċa quddiem in-nies – u iktar enfasi fuq il-ministeru tiegħu li ma jneħħi xejn mill-umanità tal-Papa; interess ikbar li l-Papa juri f'dak li mhux direttament marbut mal-Knisja, bħall-interess tiegħu fix-xjenza; iktar involviment fix-xenarju internazzjonali; il-bidu tal-udjenzi ta' nhar ta' Erbgħa; kif ukoll il-kura kbira taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Papa li permezz tat-televiżjoni bdew iservu ta' mudell għall-Knisja kollha.



F'waħda mil-laqgħat mal-Patrijarka Atenagora ta' Kostantinopli.

## Il-vjaġġi appostoliċi u l-Knejjes mifruda

Mill-ħafna karatteristiċi moderni tal-pontifikat ta' Pawlu VI, jispikkaw l-ewwel nett il-vjaġġi appostoliċi: l-Art Imqaddsa fl-1964, l-Indja fl-istess sena, il-Ġnus Magħquda fl-1965, it-Turkija fl-1967, il-Kolombja fl-1969, il-Kunsill Dinji tal-Knejjes Insara (Ġinevra) fl-1969, l-Uganda fl-1969, u l-Lvant Imbiegħed fl-1970. Kienet l-ewwel darba wara sekli li l-Papa joħroġ barra mill-konfini Taljani biex iwettaq lil ħutu fil-fidi. Illum nifhmu aħjar il-valur kbir ta' din l-intuwizzjoni ta' Pawlu VI, ikkonfermata bil-kbir fis-snin tal-pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II. Kif nistgħu ma nsemmux il-laqgħat kontinwi mal-mexxejja tal-Knejjes Insara, xi ħaġa li kien beda Ġwanni XXIII meta ltaqa' mal-Primat tal-Anglikani George Francis Fisher fl-1960, u li Pawlu VI kompla b'tant ħeġġa u regolarità?

## Konklużjoni

Il-Prof. Carlo Cardia, storiku, f'konferenza li għamel fit-8 ta' Novembru tas-sena li għaddiet, sejjaħ lil Pawlu VI "l-ikbar papa riformatur tal-modernità". Naqbel li dan huwa minnu. Il-kanonizzazzjoni ta' Pawlu VI tista' tgħinna nifhmu min hi l-Knisja fid-dinja tal-lum.



# Pawlu VI: Pontifikat diffiċli

Mons. Renato Borg

Ġesù Kristu, lil dawk kollha li riedu jimxu warajh, għamlilhom sejħa partikulari "li jiċħdu lilhom infushom, jerfgħu salibhom, u jimxu warajh". Għalhekk il-ħajja tan-Nisrani hija kkaratterizzata mill-ħajja tas-salib. Ma setax jonqos li anki l-ħmistax-il sena li l-Papa Pawlu VI għamel bħala Papa jkunu mmarkati proprju mis-salib, mhux biss bħala Nisrani iżda wkoll minħabba l-missjoni li għaliha sejjaħlu Kristu biex ikun is-Suċċessur ta' Pietru.

Is-snin li fihom Pawlu VI kien Papa kienu żminijiet partikulari kemm għall-ħajja tal-Knisja u kemm għall-ħajja soċjali. Kienu żminijiet ta' taqlib u ta' kontestazzjonijiet. Philippe Levillain jikkonkludi li l-ħmistax-il sena ta' Pawlu VI kienu snin li fihom huwa għadda qalb il-kontradizzjonijiet kollha tal-Knisja moderna. Meta l-Papa Franġisku, qabel il-Beatifikazzjoni ta' Pawlu VI, laqa' delegazzjoni minn Brescia, id-djoċesi ta' Giovanni Battista Montini, b'weġgħa kbira f'qalbu stqarr magħhom: "Biex nipproklama lil Pawlu VI Beatu, għandi nilbes l-aħmar bħad-demm flok l-abjad, għaliex il-pontifikat tiegħu kien veru u proprju martirju". Dan il-kumment tal-Papa Franġisku juri mhux biss l-ammirazzjoni tiegħu għall-Papa Pawlu VI, iżda wkoll kemm tassew Pawlu VI kellu jaffronta diversi reżistenzi u inkomprensjonijiet matul il-pontifikat tiegħu.

## Il-Konċilju Vatikan II

Kien il-Papa Ġwanni XXIII li fetaħ il-Konċilju Vatikan II. Nafu li l-Arċisqof ta' Milan kien wieħed minn dawk li kienu favur dan il-Konċilju. Fil-ħsieb u x-xewqa ta' Ġwanni XXIII il-Konċilju kellu jintemm f'sessjoni waħda. Iżda, kif nafu, l-affarijiet ħadu xejra oħra. Għalhekk, kif tela' Papa Pawlu VI, kien mistenni minnu li jtawwal iż-żmien tal-Konċilju kif ukoll li jagħti l-possibbiltà għal iktar diskussjoni u tibdil fil-preżentazzjoni tal-kontenut ta' xi dokumenti importanti. Filwaqt li l-Papa aċċetta dan kollu, kien ċar għal kulħadd li hu ma kienx ser ikun sempliċi spettatur jew dak biss li jiffirma d-dokumenti, sempliċi nutar. Sa fejn kien possibbli, ħalla fil-libertà 'l-Padri Konċiljari, imma fejn kien hemm bżonn huwa kien interviena bl-awtorità kollha biex iħares l-awtentiċità tat-tagħlim. Kemm matul il-Konċilju u kemm wara, Pawlu VI kien akkużat kemm minn dawk hekk imsejħa "tradizzjonalisti" u kemm minn dawk "liberali". Tal-ewwel jakkużawh li qiegħed jitbiegħed mit-tagħlim u t-tradizzjoni tal-Knisja, u tal-aħħar li qiegħed iżomm idu u ma jħallix li ċertu tibdil iseħħ fil-Knisja.

Tajjeb li wieħed jgħid li lil Pawlu VI it-terminoloġija ta' "tradizzjonalisti" u "liberali" ma kinitx togħġbu, għax fi kliemu dawn kienu termini ġurnalistiċi u ma jagħtux raġuni lir-realtà tal-Knisja kif tassew hi. L-ikbar diffikultà fil-Konċilju kif ukoll wara kienet kif tista' żżomm dawn iż-żewġ kurrenti ma' xulxin: dawk li riedu jibqgħu ankrati mal-passat daqslikieku l-Konċilju ma sar xejn, u dawk li min-naħa l-oħra riedu tibdil kontinwu – il-konċiljaristi – riedu konċilju kuljum. Bi tbatija kbira l-Papa rnexxielu jkun prudenti u żamm ekwilibriju hekk li nistgħu ngħidu evita kull xiżma u firdiet oħra li kienu jagħmlu ħsara lill-għaqda tal-Knisja. Dan għamlu



mingħajr qatt ma ssagrifika l-prinċipji u t-tagħlim li kien mitlub iħares. Dan l-istil tiegħu ġibed fuqu l-kritika billi sejħulu "t-tango ta' Pawlu VI" – żewġ passi 'l quddiem u wieħed lura. Pawlu VI ma riedx ibiddel il-wiċċ tal-Knisja biex jiffavorixxi viżjoni modernista. Huwa ried li l-Konċilju Vatikan II jinkarna t-tradizzjoni u l-karità fiż-żmien preżenti bi tħejjija għaż-żmien eskatoloġiku.

Minn din il-ħarsa tiegħu nistgħu ngħidu li nibtu d-diffikultajiet kollha ta' wara l-Konċilju. F'dan iż-żmien, ħaġa li weġġgħet ħafna qalb il-Papa kienet it-talbiet ta' numru kbir ta' saċerdoti li kienu qed jitolbu d-dispensa taċ-ċelibat mill-ħajja saċerdotali. Nafu li l-Papa kien jiddedika l-aħħar sigħat tal-ġurnata, qabel jorqod, biex jaqra dawn it-talbiet personalment. Ċerti sitwazzjonijiet tant kienu dolorużi għall-Papa li saħansitra wasal biex qal dik il-frażi famuża li tant baqgħet tissemma, li minn xi mkien fil-Knisja kien daħal "id-duħħan tax-xitan". Mal-ħabib Franċiż Jean Guitton, Pawlu VI jistqarr li talab lil Alla biex imut ħalli l-Knisja li tagħha kien Ragħaj ma tinqasamx fi tnejn.



## L-Enċiklika *Humanæ vitæ*

Fiż-żmien li fih infetaħ il-Konċilju Vatikan II kienet bdiet tissemma l-problema tal-maternità/paternità responsabbli. Marbuta magħha kien hemm it-talba għall-użu tal-pillola bħala mezz kontraċettiv. Il-Papa Ġwanni XXIII kien waqqaf kummissjoni apposta biex tistudja din il-problema, għax ma riedx li din tkun materja tal-Konċilju. Meta Pawlu VI laħaq Papa, huwa kien kabbar din il-kummissjoni u għamilha wkoll iktar rappreżentattiva. Ix-xogħol tal-kummissjoni kien li tagħti parir lill-Papa dwar l-użu tal-pillola. Tajjeb li wieħed josserva li fil-parti l-kbira l-membri tal-kummissjoni ma kinux teologi jew moralisti, iżda diversi esperti minn kull qasam mediku kif ukoll xi koppji miżżewġa. Nafu li meta l-kummissjoni kkonkludiet l-istudji tagħha, il-parir li ngħata mill-maġġoranza kien wieħed favur l-użu tal-pillola. Hawn tajjeb wieħed josserva li l-Papiet ta' qabel Pawlu VI, kif ukoll it-tradizzjoni tal-Knisja kienet diġà tkellmet u kkundannat l-użu tal-kontraċettivi. Iżda, mat-twaqqif ta' din il-kummissjoni, permezz tal-influwenza medjatika nħolqot aspettattiva li l-Papa kien ser jasal biex ibiddel dan it-tagħlim tal-Knisja. Wara talb u riflessjoni, Pawlu VI fil-25 ta' Lulju 1968 (din is-sena tagħlaq ħamsin sena mill-pubblikazzjoni) ħareġ l-Enċiklika *Humanæ vitæ* li fiha kkundanna l-użu tal-mezzi kontraċettivi, tal-isterilizzazzjoni u tal-abort. It-tagħlim tal-Papa kien ibbażat fuq il-liġi naturali u fuq it-tagħlim tal-Maġisteru tal-papiet ta' qablu. Il-kontestazzjonijiet li qamu kontra din l-Enċiklika naħseb li fl-istorja tal-Knisja ma kienx hemm każ simili. Oppożizzjoni li ma ġietx biss minn barra l-Knisja iżda wkoll minn ħdanha stess u mill-istess Isqfijiet u Konferenzi Episkopali. Kien hemm min saħansitra talab ir-riżenja tiegħu. Il-Papa Pawlu VI, filwaqt li baqa' fidil għat-tagħlim li huwa xandar, ħa paċenzja kbira u baqa' lura milli jieħu passi dixxiplinari kontra dawk li kienu kuntrarji. Tant li l-Arċisqof ta' Krakovja, Karol Wojtyła, li kien favur l-Enċiklika, kien talab lill-Papa biex ikun iktar iebes u sod kontra dawk li kienu qed jopponu dan it-tagħlim.

Żgur u mhux forsi li din l-Enċiklika kienet ġiebet fix-xejn il-popolarità li kien igawdi Pawlu VI; mill-Papa modern kien spiċċa bħala l-Papa oskurantista, mill-Papa li kellu tant għal qalbu l-iżviluppi tax-xjenza issa kien beda jiġi mpitter bħala dak li jħares b'suspett lejn l-iżviluppi xjentifiċi. Nistgħu ngħidu li ħafna minn dawk li kkritikawh illum qed jgħidu li kien "Papa profetiku" għaliex fl-*Humanæ vitæ* kien ħabbar li bl-użu u l-mentalità kontraċettiva kienu ser jikbru n-numri tal-aborti u tad-divorzji, u li d-dinjità tal-mara kienet ser taqa' fl-agħar livelli tagħha. Imma kif qegħdin naraw madwarna fiċ-ċelebrazzjoni f'għeluq il-ħamsin sena tal-Enċiklika, id-dinja akkademika għadha xi ftit jew wisq mifruda. Dan jidher fix-xejra li qed jieħdu diversi seminarji li qed jiġu organizzati minn diversi fakultajiet universitarji. Żgur u mhux forsi li l-kritika u d-dissens li kien hemm madwar l-Enċiklika *Humanæ vitæ* kien wieħed hekk kbir li xi ftit jew wisq affettwa lill-Papa Pawlu VI. Biżżejjed wieħed jgħid li minn wara l-*Humanæ vitæ* l-Papa ma ħareġ ebda enċiklika oħra.

## Il-ġrajjiet Taljani: id-divorzju, l-abort u t-terroriżmu



Id-dħul tad-divorzju fl-Italja fis-sena 1970 weġġa' ħafna s-sensibbiltà tal-Papa Pawlu VI. Madankollu hu stess kien iddikjara li r-Referendum kontra d-divorzju ma kienx xi inizjattiva tal-Knisja, anki jekk il-Kattoliċi kellhom isostnuh fil-mument li ġie

ppreżentat. Dak li kompla jżid mat-tbatija tal-Papa kien il-fatt li l-Partit Demokristjan li kien fil-Gvern kien ivvota favur id-dħul tad-divorzju. Il-Membru Parlamentari u Senatur Giulio Andreotti, fil-ktieb li kien ħareġ dwar il-papiet li huwa kien iltaqa' magħhom f'ħajtu, iġib il-biljett li l-Papa Pawlu VI kien bagħat lilu u lil xi membri parlamentari oħra tad-Demokrazija Kristjana li bih uriehom id-dispjaċir tiegħu li partit li kien jispira ruħu mill-valuri Kristjani vvota favur liġi bħal din. Iżda weġġa' iktar meta l-Parlament Taljan daħħal l-abort fis-sena 1978.



Il-Papa Pawlu VI u l-ħabib tal-qalb tiegħu Aldo Moro.

Tliet xhur biss qabel il-mewt tiegħu li seħħet fis-6 ta' Awwissu 1978, Pawlu VI kellu jgħaddi minn kalvarju ieħor, il-ġrajja li laqtitu profondament: il-qtil barbaru tal-eks Prim Ministru Taljan Aldo Moro mill-Brigate Rosse. Dan għaliex bejn il-Papa u Moro kien hemm ħbiberija profonda, u kien Pawlu VI nnifsu, meta kien Assistent tal-Azzjoni Kattolika, li kien ħajjar lil Aldo Moro biex joħroġ għall-politika. Meta Aldo Moro kien qallu li ma kienx interessat, Montini kien qallu li proprju għalhekk kellu joħroġ għall-politika, għax ma kienx ser ifittex il-ġid personali iżda l-ġid komuni. Aldo Moro, meta kien miżmum priġunier mill-Brigate Rosse, kien bagħatlu żewġ ittri li kienu ħassbuh ħafna. Illum nafu li fuq inizjattiva ta' Pawlu VI, il-Vatikan kien għamel minn kollox biex jeħles lil Aldo Moro; saħansitra Pawlu VI kien offra lilu nnifsu flok Aldo Moro. Fit-22 ta' Marzu kien għamel appell qawwi lill-Brigate Rosse: "Nitlobkom għarkupptejja: eħilsu lil Aldo Moro". Wara li qatluh, fil-funeral li mexxa Pawlu VI fit-13 ta' Mejju fil-Bażilika tal-Lateran huwa jdur lejn il-Mulej u b'karba mill-qalb jgħidlu: "Inti ma lqajtx it-talba tagħna għall-ħelsien ta' dan ħuna", iżda għalaq l-omelija bit-tama li "lil Aldo u dawk kollha li jgħixu fi Kristu, henjin f'Alla, għad nerġgħu narawhom".

Aħna hawnhekk semmejna biss tliet aspetti li juru t-tbatija u t-toqol li kellu jġarrab il-Papa Pawlu VI matul il-pontifikat tiegħu. Kien hemm ġrajjiet oħra li żgur u mhux forsi kienu wkoll ta' tħassib, bħall-attentat li sofra fuq ħajtu fil-Filippini.

Dan il-Papa Brescian kien definit minn ħafna bħala l-Papa minsi. Dan żgur li ma jistax jingħad għas-Suċċessur tiegħu l-Papa Franġisku, li mhux biss isemmih diversi drabi fit-tagħlim tiegħu, iżda nistgħu ngħidu li f'ħafna affarijiet li huwa jwettaq huwa ispirat mill-ħajja ta' dan il-Papa qaddis li hu qed jikkanonizza fl-14 ta' Ottubru 2018, fl-erbgħin sena mill-mewt tiegħu. Meta l-Papa Pawlu VI waqaf jistaqsi lilu nnifsu: "Imma għaliex Kristu sejjaħli biex inkun Papa?", huwa ħass li t-tweġiba kienet: "Biex inbati ftit għalih u għall-Knisja tiegħu".




MARIO
DISPENSING OPTICIANS
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.)
Appointments for EYE TESTING / EXAMINATION
by the latest Computer Technology and Eye Specialists
www.mdogozo.com

**Gozo Branch:**
57, Main Gate Street, Victoria, Gozo
Tel: 2155 6528, 2156 3331, 2754 3210
E-mail: info@mdogozo.com

**Malta Branch:**
100, Naxxar Road, Birkirkara, Malta
Tel: 2149 4848, 2149 4849, 2749 4800
E-mail: birkirkara@mdogozo.com



# Il-Papa **San Pawlu VI** u Malta (1)

Mons. Renato Borg

Min hu midħla xi ftit tat-tagħlim tal-Papa Pawlu VI jew inkella tkellem xi ftit ma' dawk li kellhom esperjenza mill-qrib tiegħu żgur li jintebaħ bl-imħabba u l-għożża li dan il-Papa kellu għal art twelidna. Waħda mir-raġunijiet hija proprju l-isem li ħa meta laħaq Papa, l-isem tal-Appostlu tal-ġnus. Allura dak li ħass li kellu jieħu l-isem ta' Missierna San Pawl ma setax jonqos li jkollu ċerta attenzjoni u ammirazzjoni lejn din il-gżira li ġiet evanġelizzata minn San Pawl. L-għan li għalih qiegħed nikteb dan l-artiklu huwa għaliex fl-14 ta' Ottubru 2018 huwa ġiet kkanonizzat fi Pjazza San Pietru mill-Papa Franġisku, li għandu ammirazzjoni kbira lejh, u saħansitra wieħed ma jistax jifhem il-pontifikat tiegħu jekk ma jħarisx lejn il-ġesti profetiċi tal-Papa San Pawlu VI.



Il-Papa Pawlu VI jidher ibierek il-pittura tal-Madonna tal-Emigranti, xogħol l-artist Malti Emvin Cremona. *Ħajr: Leħen is-Sewwa*

## Ir-rabta bejn Malta u l-Vatikan

F'laqgħa li l-Papa Pawlu VI kellu mal-Ambaxxatur Malti fis-sena 1971, żgurah li r-rabta li teżisti bejn Malta u s-Santa Sede hija mibnija fuq rabtiet spiritwali li l-valur tagħhom jgħaddi kull formalità diplomatika. Il-Papa josserva li fl-aħħar mill-aħħar wieħed ma jistagħġibx b'din il-klima ta' kordjalità u fiduċja reċiproka meta jiftakar l-importanza li għal sekli sħaħ Malta kellha fid-difiża taċ-ċiviltà Kristjana, u meta wieħed jirrifletti fuq l-influss profond li t-tagħlim tal-Vanġelu kellu fuq il-ħajja u t-tiswir tal-ġens Malti (*Diskors lill-Ambaxxatur il-ġdid għas-Santa Sede*, 1 ta' Ottubru 1973, f'*Insegnamenti di Paolo VI*, XI, 912-913). Il-Papa jiżgura lill-Ambaxxatur li huwa japprezza l-isforzi kbar li Malta kienet qed tagħmel, mhux mingħajr diffikultà, għall-kawża tal-paċi.



Meta laqa' f'Ruma lill-missjunarji Maltin fi triqthom lura Malta mill-Awstralja, ried ibus ir-Relikwa ta' driegħ Missierna San Pawl. *Ħajr: Leħen is-Sewwa*

L-attenzjoni tal-Papa Pawlu VI lejn Malta, minkejja ċ-ċokon tagħha, tidher b'mod partikulari fl-interess li wera meta Malta kienet riesqa lejn l-Indipendenza. Fl-Anġelus tat-30 ta' Awwissu 1964 huwa jgħid: "Nixtieq nagħti tislima speċjali lill-pellegrini ta' Malta. Irrid nagħmilha pubblika x-xhieda ta' dawn l-ulied mill-aqwa tal-gżira, hekk fidili għall-patrimonju Kattoliku, anki

għaliex nafu li l-ġrajjiet, li jinteressaw proprju l-ħajja ċivili u l-ġid ta' Malta, waslu biex jimmaturaw fid-dikjarazzjoni tal-Indipendenza f'dan il-post. Aħna wkoll b'ħerqa nitolbu lill-Mulej biex din il-ġrajja kbira fl-istorja ma twassalx biex jinbidlu t-tradizzjonijiet spiritwali tal-għeżież Maltin, anzi jiġu kkonfermati" (*Anġelus*, Castel Gandolfo, 30 ta' Awwissu 1964).

Il-Prim Ministru Dr George Borg Olivier fit-28 ta' Novembru 1964, kważi xahrejn biss wara l-Indipendenza, iltaqa' mal-Papa Pawlu VI. Pawlu VI ħa din l-okkażjoni biex jifraħ lil Malta li niżżlet isimha mal-pajjiżi indipendenti u jistqarr li huwa segwa mill-qrib il-preparazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni ta' din il-ġrajja storika, u li "kien ta' pjaċir partikulari nosserva li n-negozjati [għall-Indipendenza] kienu kkaratterizzati minn konferma mill-ġdid ta' dik il-fedeltà li Malta għandha lejn il-karattru profondament Kattoliku tagħha, kemm fil-ħajja privata u kemm f'dik pubblika, li huwa l-wirt nobbli tal-poplu Malti" (*Diskors lill-Prim Ministru ta' Malta*, 28 ta' Novembru 1964, f'*Insegnamenti di Paolo VI*, II, 679-680). F'għeluq id-diskors, il-Papa bierek lin-Nazzjon Malti kollu u awgura li Malta, anki fit-triq ġdida li qabdet, tibqa' twieġeb b'fedeltà għat-tradizzjonijiet reliġjużi tagħha, fil-paċi, fis-sigurtà u fil-progress.

## L-abbatini Maltin u Għawdxin fil-Vatikan: gratitudni u memorja

Fiż-żmien tas-sajf l-abbatini Maltin jitilgħu jagħtu servizz fil-Vatikan. Nistgħu ngħidu li l-Papa Pawlu VI, f'xi okkażjoni jew oħra, kien dejjem isib il-mument biex jirringrazzjahom u juri l-apprezzament tiegħu għall-ħidma li jwettqu. Hawn tidher dik l-attenzjoni u d-delikatezza ta' karattru li kien imżejjen bihom San Pawlu VI. Kien iħobb ifakkarhom li "jekk huwa motiv ta' ferħ għalija meta narakom hekk bravi u diliġenti, ftakru li huwa wkoll ta' unur għalikom li tistgħu tagħtu s-servizz tagħkom fl-ogħla tempju tal-Kattoliċità. Agħrfu apprezzaw dan il-privileġġ li ġie mogħti lilkom" (*Udjenza ġenerali*, 1 ta' Settembru 1976; ara wkoll *Udjenza ġenerali*, 4 ta' Settembru 1968). Ma kienx jonqos li jagħmlilhom kuraġġ. Fil-kliem li huwa kien jagħmel lill-abbatini Maltin tidher mhux biss il-ħlewwa u l-attenzjoni għas-servizz tagħhom, iżda kien japprezza wkoll is-sagrifiċċju li kienu jagħmlu kemm fil-preparazzjoni u kemm imbagħad billi jitilgħu xahar fis-sajf, 'il bogħod mill-familjari tagħhom (*Udjenza ġenerali*, 8 ta' Awwissu 1973).



Ibierek il-faxxa tal-abbati (illum Dr) Teddy George Farrugia *(quddiemu)*, mill-Belt Victoria, l-ewwel tfajjel minn Għawdex li serva bħala abbati fil-Vatikan, 1964.

Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa 1975 il-Papa jgħid lill-abbatini Maltin biex meta jirritornaw lejn darhom "fil-gżira sbejħa tagħkom", jieħdu magħhom dawk ir-rigali li huma kienu għexu f'din l-esperjenza. Hawn il-Papa jsemmi tliet rigali: id-devozzjoni Ewkaristika, l-imħabba lejn il-Knisja u lejn Pietru, u d-disponibbiltà dejjem ikbar għall-ħtiġijiet tal-proxxmu (*Udjenza ġenerali*, 30 ta' Awwissu 1975). Interessanti l-osservazzjoni li jagħmel f'waħda mill-Udjenzi ġenerali meta jgħid lill-abbatini li fiċ-ċelebrazzjoni qaddisa ma hemm xejn li hu żgħir – *"piccolo"* (l-abbatini bit-Taljan jissejħu *Piccolo Clero*, "kleru żgħir") – meta wieħed jiftakar fil-kobor ta' Dak li lilu qegħdin jiġu indirizzati l-qima u s-servizz" (*Udjenza ġenerali*, 20 ta' Awwissu 1969).



Robert Xerri, abbati li serva fil-Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex, maġenb il-Papa Pawlu VI *(fuq il-lemin tiegħu)* fl-Udjenza ġenerali tal-1 ta' Settembru 1976.

F'Udjenza ġenerali oħra jieħu l-eżempji tal-abbatini Malti biex jagħti tagħlim fuq kif wieħed għandu tassew jieħu sehem fil-liturġija: "Bil-preżenza u l-eżempju tagħkom intom turu li fhimtu waħda mill-ikbar lezzjonijiet tal-Konċilju Vatikan II: jiġifieri li 'l-Knisja tagħmel kulma hu meħtieġ biex il-fidili ma jkunux għal dan il-misteru tal-fidi [tal-Ewkaristija] bħallikieku barranin jew iħarsu siekta, iżda, waqt li jifhmuh tajjeb permezz tar-riti u talb tiegħu, jieħdu sehem li jifhmuh, sehem qaddis u ħaj fl-azzjoni mqaddsa; ikunu mgħallma bil-kelma ta' Alla; jieklu madwar il-mejda tal-ġisem tal-Mulej; iroddu ħajr 'l Alla; u waqt li, mhux biss minn idejn is-saċerdot iżda huma wkoll flimkien miegħu, joffru l-vittma bla tebgħa, jitgħallmu joffru lilhom infushom' (*Sacrosanctum Concilium*, 48). Dan l-impenn intom tgħixuh dejjem, veru?" (*Udjenza ġenerali*, 16 ta' Awwissu 1972).

# Il-Papa **San Pawlu VI** u Malta (2)

Mons. Renato Borg



Mons. Ġużeppi Mercieca jiltaqa' mal-Papa Pawlu VI wara l-ħatra tiegħu bħala Mħallef tas-Sacra Romana Rota. *Ritratt: Midsea Publications*

## Il-Missjoni tal-Knisja f'Malta

Il-Papa Pawlu VI kien japprezza l-ħidma tal-Knisja fi gżirietna, għaliex dak li wettqet il-Knisja Kattolika f'Malta fil-qasam edukattiv, karitattiv, pastorali u missjunarju juri l-fidi Kattolika tal-poplu Malti. Fil-ħsieb ta' dan il-Papa dawn il-fatti hekk elokwenti kollha jagħtu xhieda kemm hija ħajja u twarrad il-Knisja f'Malta. Meta l-Knisja f'Malta jirnexxielha ddaħħal dejjem iktar l-ispirtu tal-messaġġ tal-Vanġelu "fl-imġiba u fl-ordinament ċivili", bejn l-ulied tal-istess pajjiż, hija tkun qed tgħaqqad l-aħwa flimkien, tgħinhom jikkollaboraw flimkien u japprezzaw dawk il-valuri spiritwali li fis-soċjetà huma l-bażi tas-serħan pubbliku u ta' kull progress morali u soċjali.



Dun Coronato Grima, mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, jilqa' l-bewsa tal-paċi mingħand Pawlu VI wara li ordnah saċerdot f'San Pietru, 29 ta' Ġunju 1975.

Fl-Udjenza ġenerali tat-28 ta' Lulju 1971 huwa jfaħħar l-inizjattiva tal-Knisja Maltija li organizzat Pellegrinaġġ għall-morda f'Lourdes, immexxi mill-Isqof Emanuel Gerada. Il-Papa josserva li fost il-ħamsin marid, għaxra minnhom huma f'siġġu tar-roti. Huwa jieħu din l-okkażjoni biex jagħmel ħsieb fuq il-marid u josserva li l-marid għandu f'qalbu weġgħat u pieni kbar li Alla biss jafhom, u għalhekk jinkuraġġihom biex ikomplu joffru l-mard tagħhom lill-Mulej permezz ta' Marija, "b'kuxjenza li l-prova iebsa li għaddejjin minnha hija prezzjuża quddiemu [il-Mulej], għaliex tistgħu tiftħu għejun kontinwi ta' grazzji għall-Knisja, għall-ħeġġa missjunarja u għall-konverżjoni tal-qlub u tal-paċi tal-popli". F'Pellegrinaġġ ieħor tal-morda fis-sena 1976, immexxi mill-Isqof Awżiljarju Ġużeppi Mercieca, Pawlu VI jara fl-uċuħ tal-morda s-sinjali kontrastanti tat-tbatija u tad-dawl tal-fidi u ta' tama, u għalhekk jgħid lill-morda: "Intom tesprimu, iva, it-tbatija mġarrba; iżda jidher iktar fikom id-dawl tal-faraġ ta' Alla, Alla ħanin u infinitament tajjeb. Iva, għeżiż uliedi, intelqu dejjem fih. Jekk il-Mulej jippermetti n-nuqqas ta' azzjoni tal-ġisem, min-naħa l-oħra jagħmel l-ispirtu iktar lest li jaċċetta u jwettaq bil-ferħ il-valur tiegħu, anzi, jibdel it-tbatija fi strument ta' purifikazzjoni u ta' tpattija għad-dnubiet tad-dinja. Huwa dan il-prinċipju li jwassal għall-frott, u għalhekk jagħmel prezzjuża x-xhieda Kristjana tagħkom" (*Udjenza ġenerali*, 21 ta' Lulju 1976).

## Fedeltà għall-Knisja Kattolika – għal San Pawl

Għall-Papa Pawlu VI, il-fedeltà tal-Insara Maltin għall-Knisja Kattolika kienet profondament imħawla fil-ħajja u l-imġiba tal-poplu, tant li jasal biex josserva li wieħed jista' jgħid li din hija n-nota proprja u inkonfondibbli tal-fiżjonomija spiritwali tal-Maltin. Ma setax jonqos li l-Papa li ħa proprju l-isem ta' San Pawl, l-Appostlu tal-ġnus, ma jagħmilx referenza għall-gżira ta' Pawlu. Proprju għal din ir-raġuni jgħid li "l-poplu Malti huwa



Ritratt mill-ewwel żjara tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi lill-Papa Pawlu VI.

ħafna għażiż għalina, għaliex huwa kien imbierek bil-preżenza tal-Appostlu l-kbir San Pawl li żar lil Malta 'l fuq minn dsatax-il seklu ilu. Matul is-sekli huma ħarsu b'għożża kbira l-wirt li ħallielhom San Pawl. Għal dan aħna grati u nifirħu lill-Maltin għall-fedeltà u d-devozzjoni lejn il-Katedra ta' Pietru" (*Udjenza ġenerali*, 4 ta' Settembru 1968). Pawlu VI jesprimi l-ferħ tiegħu quddiem il-preżenza tal-Maltin għax fihom jara waħda mill-iktar Knejjes antiki tal-Punent "evanġelizzata xejn inqas mill-istess persuna ta' San Pawl. Min ma jiftakarx ir-rakkont tal-Atti, li għandu x'jaqsam man-nawfraġju tal-Appostlu fuq gżiritkom, il-mirakli li għamel u l-predikazzjoni tiegħu (Atti 27:27-28:11)?" (*Udjenza ġenerali*, 28 ta' Lulju 1971).

Fl-okkażjoni taż-żjara li l-Prim Ministru Malti Dr George Borg Olivier għamel fit-28 ta' Novemberu 1964, il-Papa Pawlu VI jafferma din ir-rabta ta' Malta mal-Appostlu San Pawl, liema rabta kienet tant għal qalb Pawlu VI: "Malta rċiviet il-messaġġ Kristjan minn idejn l-Appostlu San Pawl innifsu, u dan il-messaġġ hija ħarsitu b'għira kbira matul is-sekli, u fost esperjenzi u ġrajjiet diversi" (*Diskors lill-Prim Ministru ta' Malta*, 28 ta' Novembru 1964).

## Sejħa lill-Kattoliċi Maltin

Kienet xewqa tal-Papa Pawlu VI li l-Kattoliċi Maltin ikomplu jwieġbu għas-sejħa Kristjana u Kattolika billi jagħrfu jħarsu u jaraw li jġibu 'l quddiem dawk ir-riżorsi kbar spiritwali u l-patrimonju għani tat-tradizzjonijiet reliġjużi hekk antiki. Din is-sejħa hija hekk importanti li fi kliem il-Papa, "din hija kundizzjoni indispensabbli għall-futur ta' paċi u ta' progress veru għal gżiritkom" (*Diskors lill-Ambaxxatur Malti fil-preżentazzjoni tal-ittri kredenzjali*, 4 ta' Frar 1971, f'*Insegnamenti di Paolo VI*, Vol. IX, pp. 85-86). Kif osservajna, il-Papa Pawlu VI spiss kien jirreferi għar-rabta ta' Pawlu ma' Malta proprju minħabba l-miġja tal-Appostlu fuq gżiritna, iżda ma kienx jonqos li jsejjaħ lil Maltin biex japprezzaw din il-ġrajja u biex jibqgħu fidili lejn San Pawl: "Għeżież uliedi (Maltin), intom għandkom unur singulari fl-istorja tal-Knisja; agħrfu ħarsuh b'fedeltà kbira u għadduh lill-oħrajn, bħalma dejjem għamiltu, għadduh lill-ġenerazzjonijiet ġodda bil-fervur tal-fidi tagħkom u bl-eżempju tal-ħajja Kattolika tagħkom, bil-ġenerożità tal-isforzi appostoliċi, bil-ftehim u l-kollaborazzjoni għall-kawża tajba tal-Vanġelu" (*Udjenza ġenerali*, 28 ta' Lulju 1971).

## Il-Papa Pawlu VI u l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Dun Ġużepp Mercieca *tal-Mewta*, kif kienu jafuh ħafna n-nies tar-Rabat ta' Għawdex, kien studja Ruma. Fl-1958 ġie lura Għawdex u kien dak iż-żmien li fih l-Isqof Pace għażlu biex ikun għalliem u mbagħad ir-Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Nistgħu ngħidu li kulma dam f'Għawdex kien biss kważi għaxar snin, għaliex fis-sena 1969 il-Papa Pawlu VI ħatru Mħallef tas-Sacra Romana Rota. Charles Buttigieg fil-ktieb tiegħu *Ġużeppi Mercieca. Ragħaj għal*



Ritratt mill-ewwel żjara tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi lill-Papa Pawlu VI.



Ritratt mill-ewwel żjara tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi lill-Papa Pawlu VI.

*kull staġun* (2017) jirrakkonta daqsxejn ta' storja dwar din in-nomina. Minkejja li minn Ruma kienet intbagħtet ittra lill-Kurja ta' Għawdex, għal xi raġuni din in-nomina ma waslitx f'idejh, tant li meta kkuntattjawh minn Ruma u staqsewh għaliex ma kienx wieġeb, huwa wieġeb li ma kienet waslitlu ebda ittra. U hekk li sar jaf bil-ħatra tiegħu bħala Mħallef tal-ogħla Tribunal tal-Knisja (p. 17).

Dun Ġużepp f'Ruma kien joqgħod fil-Kulleġġ Capranica. Meta beda jaħseb biex isib post ieħor, għaliex il-kulleġġ kellhom bżonn il-kamra li kien fiha, is-Santa Sede wkoll kienet qed taħseb biex taħtar Isqof Awżiljarju għal Malta. Wara seba' xhur ta' kunsiderazzjonijiet, kien fl-20 ta' Lulju 1974 li Dun Ġużepp ġie mgħarraf uffiċjalment li l-Papa Pawlu VI għażlu biex ikun l-Isqof Awżiljarju tal-Arċisqof Gonzi. Kif jikteb Buttigieg, "għal Mons. Mercieca, l-għażla tiegħu kienet sorpriża kbira. Huwa qatt ma kien jobsor li s-Santa Sede kienet se ssejjaħlu għal servizz bħal dan f'Malta, iżjed u iżjed meta huwa ma kellu ebda esperjenza pastorali fid-Djoċesi ta' Malta" (p. 25). Imma tajjeb li wieħed jgħid li uffiċjalment il-ħatra ta' Dun Ġużepp Mercieca bħala Awżiljarju ta' Gonzi kienet tħabbret fis-26 ta' Lulju 1974 (p. 31). Il-Papa Pawlu VI mhux biss ħatar lil Mercieca Awżiljarju ta' Malta, iżda wkoll tah is-salib pettorali għax Dun Ġużepp ma kellux wieħed. Meta Mons. Mercieca fis-26 ta' Awwissu tela' għal għaxart ijiem Ruma, fost l-oħrajn mar jirringrazzja lill-Papa li ħatru Isqof. Din hija tradizzjoni li għadha ħajja sal-lum: li l-Isqof li jiġi maħtur mill-Papa, kif jinħatar, isib okkażjoni biex jirringrazzja lill-Papa tan-nomina. Meta Mercieca, flimkien ma' isqfijiet oħra ġodda, mar jirringrazzja lill-Papa, Pawlu VI ntebaħ li dan ma kellux salib. Għalhekk dak il-ħin stess il-Papa Pawlu VI sejjaħ wieħed mis-segretarji tiegħu u talabhom iġibu salib għall-Isqof Mercieca. Dakinhar il-Papa Pawlu VI ta lil Mons. Mercieca wieħed mis-slaleb personali tiegħu. Huwa u jagħtih is-salib, il-Papa qal lil Mercieca li salib ta' isqof ma kellux, iżda salib xi jġorr bħala Arċisqof ta' Malta se jkollu (p. 33)!

Meta mbagħad l-Arċisqof Gonzi fis-27 ta' Novembru 1976 ippreżenta lill-Papa Pawlu VI, matul iż-żjara *ad limina*, ir-riżenja tiegħu minn Arċisqof ta' Malta, il-Papa laqagħha. It-Tlieta 30 ta' Novembru 1976, ir-Radju Vatikan f'12.00pm ħabbar li Pawlu VI kien ħatar uffiċjalment lil Mons. Mercieca bħala Arċisqof ta' Malta (pp. 43-44).

Tajjeb li wieħed jgħid li kien il-Papa Pawlu VI li fil-15 ta' Frar 1967 ħatar lill-Isqof Mons. Emanuel Gerarda bħala Isqof Awżiljarju tal-Arċidjoċesi ta' Malta, u fl-1968 Isqof Koadjutur tal-Arċisqof Gonzi. Kien hu wkoll li ħatru f'diversi karigi fid-diplomazija Vatikana.

## L-Isqof Cauchi

Xtaqt nagħlaq b'aneddotu li kien irakkontali l-mibki Isqof Nikol Ġ. Cauchi; dan kien maħtur Isqof mill-Papa Pawlu VI fis-sena 1967 u kien hu wkoll li għamlu Isqof ta' Għawdex fl-20 ta' Lulju 1972. Meta ġie maħtur Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex, l-Isqof Cauchi kellu laqgħa privata mal-Papa Pawlu VI li saret fl-istudju privat tiegħu. Kif l-Isqof Cauchi ppreżenta lilu nnifsu bħala l-Isqof ta' Għawdex, Pawlu VI qal: *"Gozo, Gozo"*, u resaq lejn il-globu kbir tad-dinja li kellu f'dan l-istudju u beda jfittex il-gżira ta' Għawdex li kien jaf tajjeb li tagħmel parti mill-istat ta' Malta. L-Isqof Cauchi qal lill-Papa li d-Djoċesi hija waħda żgħira. Għal dan il-kliem il-Papa Pawlu VI dar fuqu u qallu: "Aħjar, għax hekk tkun tista' taħdem iktar fil-fond". Din l-osservazzjoni ġiet minn dak li għamel sitt snin Arċisqof ta' waħda mill-ikbar djoċesijiet fl-Ewropa, dik ta' Milan.

Hemm affarijiet oħra li jorbtu d-Djoċesi Għawdxija mal-Papa Pawlu VI. Fosthom ta' min isemmi l-ordinazzjoni presbiterali ta' erba' saċerdoti djoċesani Għawdxin – Dun Ġużepp Bezzina, Dun Koronat Grima, Dun Salv Tabone u Dun Manwel Cutajar – flimkien ma' ħafna saċerdoti oħra minn diversi postijiet tad-dinja, 360 b'kollox, u ż-żwieġ mill-istess Papa ta' koppja mir-Rabat ta' Għawdex – Maria Mintoff u George Cremona – flimkien ma' koppja oħra Maltija, oħra Irlandiża u għaxar koppji Taljani. Dawn iż-żewġ ċelebrazzjonijiet kienu saru fil-Vatikan fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa, fid-29 ta' Ġunju u fit-13 ta' April 1975 rispettivament. Kien il-Papa Pawlu VI wkoll li waqqaf il-Bażilika tan-Nadur fis-26 ta'Ġunju 1967 u l-Bażilika tax-Xagħra fis-26 ta' Awwissu 1967.

## Nota

*Fl-aħħar ritratt li deher mal-artiklu tal-ħarġa l-oħra, l-abbati Robert Xerri jidher fit-tarf tax-xellug, waqt li fuq wara nett fuq il-lemin jidher Joseph Galea Curmi, illum Isqof Awżiljarju ta' Malta.*